Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-392 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Is-Sur Robert Buhagiar daħal għal laqgħa fis-7.05 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-391 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Pisani tkellem dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-*Malta-EU Steering & Action Committee* fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħti nformazzjoni dwar l-organizazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat bil-programmi ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Pisani qal li din l-informazzjoni ser jagħtija hekk kif il-Kunsill iħejji u japprova l-Pjan ta' Ħidma.

Is-Sur Grech ressaq ir-risposti tar-residenti ta' Triq Patri Taddew Schembri dwar it-talba sabiex din it-triq issir *one-way* u ma jkunx hemm dħul minn Triq il-Magħsar. Is-Sur Grech qal li l-Kunsill kien irċieva lura tnax il-ittra, disa' residenti qed jaqblu li din it-triq issir *one-way* kif propost, filwaqt li tliet persuni ma jaqblux. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq issir *one-way*.

Is-Sur Grech ressaq l-ittri ta' risposta tar-residenti ta' Triq ix-Xgħajra dwar it-talba biex titneħħa ir-*road hump* li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Karmnu. Il-Kunsill irċieva

lura seba' ittri; erba' residenti qablu u tlieta ma qablux li din titneħħa. Is-Sur Grech ippropona li l-Kunsill jimxi max-xewqa tal-maġġoranza tar-residenti li rrispondew. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li din ir-*road hump* titneħħa.

Is-Sur Grech ressaq l-ittri ta' r-risposti tar-residenti ta' Triq Bajada sabiex isir *road hump* quddiem il-ħanut tax-xagħar li hemm fit-triq. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li r-*road hump* issir viċin il-kantuniera ma' Triq Marloċċ sabiex jitneħħa kull periklu.

Is-Sur Plumtpon daħal għal laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Il-Viċi-Sindku ppropona li ssir sospenzjoni ta' l-Aġenda u jiġi diskuss *item* 6 *Xogħol tal-Kunsill* u jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar fl-1 ta' Frar li ġej. Is-Sindku ssekonda l-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir sospenzjoni ta' l-Aġenda biex jiġu diskussi n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Jum Ħaż-Żabbar.

<u>Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar.

<u>Ġieħ Ħaż-Żabbar</u>

Is-Sindku ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sinjura Mary Psaila għax-xogħol tagħha fil-volontarjat. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Psaila tingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku ressaq il-proposta li kienet saret ukoll mill-Kumitat Amministrattiv St Peter's li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Renee Zerafa għax-xogħol tiegħu b'risq Puttinu Cares. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Zerafa jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar.

<u>Ċertifikat ta' Ħajr</u>

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Vigo Balzan għal ħidma tiegħu fil-qasam kulturali.

Il-Viċi-Sindku ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sinjura Carmen Meli għal ħidma tagħha fil-qasam edukattiv. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Ġanni Mallia għall-impenn tiegħu favur l-ambjent.

Is-Sur Buttigieg ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Alfred Lagana għal ħidma biex jitjieb l-ambjent u l-kura tas-saħħa fil-Komunita'. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja ppproponiet li Sister Redenta Giacoma tingħata Ċertifikat ta' Ħajr għal impenn tagħha fil-qasam soċjali u edukattiv. Il-Viċi-Sindku ssekondata l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ jingħata Ċertifikat ta' Ħajr għal ħidma tiegħu għal-ġid tal-lokalita'.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Marco Cassar għal ħidma tiegħu fl-Iscouts ta' Ħaż-Żabbar.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar stedina għall-varar tal-iskema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet li ser issir nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2011. Il-Viċi-Sindku aċċetta li fl-assenza tas-Sindku jattendi għal din il-preżentazzjoni.

Inqrat Memo 117/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna f'ikel għal min hu fil-bżonn. Il-Kunsill ġie mitlub jipprovdi trasport mill-Imħażen f'Kordin għall-paroċċi u stituti fil-lokalilta'. Din l-attivita' ssir darba kull xahrejn u tinvolvi biss nofs ta' nhar filgħodu. Is-Sur Grech issuġġerixxa li l-aħjar il-Kunsill ikellem lill-Kapillan sabiex flimkien jgħinu persuni jibbenifikaw minn din l-iskema.

Fis-7.05 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Fis-7.05 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar daħal għal laqgħa.

Inqrat Memo 119/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar eżenzjoni mill-ftuħ tal-Uffiċju Amministrattiv nhar is-Sibt lejliet il-Milied u l-aħħar tas-sena. Il-Kunsilli Lokali qed jiġu mgħarrfa illi f'dawn il-jumejn jistgħu ma jiftħux l-uffiċċju amministrattiv għall-pubbliku. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur

Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li f'dawn il-jumejn l-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill ma jiftaħx għall-pubbliku.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill biex isiru *road humps* fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Sqaq Berqi u Triq Bormla. Trasport Malta qed tissuġġerixxi li minflok ir-*road humps* isiru *pinch points* u *zebra crossings* biex jitnaqqas il-periklu u jkun hemm aktar organizzazjoni fl-ipparkjar. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jitlob li jsiru *raised zebra crossings*. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sur Buttigieg ppropona li jsiru *pelican lights* maz-*zebra crossing* li hemm fi Triq tal-Labour u din tiġi spustjata peress li qegħda fil-viċinanza tal-*bus stop*. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li ssir it-talba lill-Trasport Malta.

Is-Sur Buttigieg filwaqt li rringrazzja lill-*Transport Malta* għax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fi Triq tal-Labour talab li l-Kunsill jagħmel pressjoni biex jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fil-parti l-oħra ta' Triq tal-Labour.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar talba li saret minn ġenitur ta' persuna bi bzonnijiet speċjali sabiex issir *communal reserved* għal *Blue Badge Holders* fil viċinanzi ta' l-iskola Primarja F X Attard. Fl-ittra tagħha *Transport Malta* rrakomandaw li peress li hemm numru ta' ħwienet kif ukoll il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-viċinanzi ssir *parking bay* komuni għal *Blue Badge Holders.* Is-Sindku ppropona li ssir *communal reserved* fil-viċinanzi ta' Triq Lia. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-*reserved parking bay*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, *Noise Abatement Society of Malta* fejn il-Kunsill ġew infurmati li tixtieq jiltaqgħa mal-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jsiru inizjattivi flimkien.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Kunsill ta' Povoa' De Varzim dwar il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li ser isir bejn l-14 u t-28 ta' Lulju 2012, f'Obidos il-Portugal. Il-Kunsill ġie nfurmat li n-nefqa ser tkun ta' madwar €11,400 għal kull Kunsill li jipparteċipa. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jipparteċipa biss jekk tiġi milqugħa l-applikazzjoni ta' Povoa' de Varzim biex jinġibu l-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Konferenza Internazzjonali li tagħmel parti mill-proġett li qed jitwettaq mal-ALDA msejjaħ Standup, li ser issir fis-16 u s-17 ta' Jannar 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li li s-Sinjorina Sherise Bugeja ta' disa' snin mil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar kienet waħda mir-rebbieħa fil-kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal li saret

bħal parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent. Il-Maskot rebbieħ se jiġi adattat biex ikun jista' jintuża f'inizjattivi li l-Kunsill jixtieq jagħmel biex iqajjem aktar kuxjenza dwar il-bijodiversita' fil-lokalita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie nfurmat li *tournament* tal-futbal li kien ser jiġi organizzat fis-26 u 27 ta' Mejju 2012 f'Eschborn flimkien mal-bliet ġemellati ma kienx ser isir, u dan peress li ma kienx hemm parteċipanti bizzejjed.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju tas-Segretarju Parlamentari fejn il-Kunsill ġie mitlub jippublika fil-Gazzetta tal-Gvern il-lista tal-bejjiegħa tal-monti kollha li joperaw fil-lokalita' flimkien man-numru tal-posta rispettiva tagħhom. Is-Sur Plumpton qal li Memo 73/2011 tistipula li l-Kunsill għandu jippubblika din il-lista fil-Gazzetta tal-Gvern. Is-Sur Plumpton qal li jekk ikun hemm il-koperazzjoni ta' *Transport Malta*, tal-Bejjiegħa u tal-Assoċjazzoni tagħhom, is-suq jista' jkun organizzat aħjar u jkun akbar. Is-Sur Plumpton ippropona li ssir laqgħa ma' l-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa biex flimkien jiġi diskuss dwar l-aħjar mod ta' kif għanda tiġi ndirrizzata l-kwistjoni tas-Suq fil-Beraħ. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Plumpton u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buhagiar offra li jiġbor il-lista tal-bejjiegħa li jarmaw Misraħ San Gakbu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Fenech, *social worker* tal-Aġenzija Appoġġ fejn talbet il-Kunsill sabiex tingħata għajnuna lill-familji fil-bżonn fil-lokalita'.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Proprjeta' tal-Gvern dwar talba li kien għamel il-Kunsill sabiex art fi Triq Pellegrinagg tar-Roti tinbidel f'park rikreattiv. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel applikazzjoni ġdida jekk kemm il-darba għadu nteressat li jwettaq dan il-proġett. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment u jinfurmaħ li għadu nteressat li jizvilluppa dan is-sitt u ser ikun qed japplika għal għajnuna taġt skema maħruġa mill-Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li kien irċieva korrispondenza mill-kumpanija Waste Serv dwar l-iskart riċiklatt mil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar għas-sena 2010 li kien jammonta għal madwar 3935 tunnellata.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2011 li kien jammonta għal €72.63. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-10 ta' Novembru, 2011 u s-7 ta' Diċembru, 2011 li kien jammonta għal €37,232.79. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

- <u>Mozzjoni dwar trasferiment ta' voti fl-Estimi Annwali 2011</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Buttigieg biex il-Kunsill jitrasferixxi fondi minn vot għall-ieħor kif ġej:

1 L-ammont ta' €12,000 jiġi trasferit mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għall-vot Tiswijiet u Manutenzjoni.
2 L-ammont ta' €9,000 jiġi trasferit mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għall-vot 2500 Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali / Internazzjonali.
3 L-ammont ta' €35,000 jiġi trasferit mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għall-vot 7100 Bini.
4 L-ammont ta' €4,000 mill-vot 7500 Proġetti Speċjali għal-vot 7300 Makkinarju u Apparat.
5 L-ammont ta' €1, 500 mill-vot 1200 Pagi ta' l-Impjegat għall-vot 1600 Konċessjonijiet.
6 L-ammont ta' €1, 000 mill-vot 2700 Trasport għall-vot 2600 Spejjeż ta' l-Uffiċċju
7 L-ammont ta' €2, 000 mill-vot 3600 Gwardjani Lokali għall-vot 3100 Servizzi Professjonali

Il-Kunsill approva unanimament li jsiru dawn it-trasferimenti u l-emendi għall-Estimi Annwali 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi peress li din is-sena wħud mill-impjegati tal-Kunsill magħmlux użu sħiħ mill-ġranet ta' *vacation leave* anke minħabba esiġenzi ta' xogħol, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' ġranet mill-*vacation leave* ta' sena 2011 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tal-impjegati tas-sena 2012 kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Isabella Testaferrata De Noto | (Assistent Amministrattiv) | 24 il-siegħa time off in lieue |
| Stephanie Testaferrata De Noto | (Assistent Amministrattiv) | 7 t'ijiem |
| Mary Rose Caruana | (Uffiċċjal Eżekuttiv) | 45 siegħat time-off in lieue |
| Sharon Camenzuli | (Uffiċċjal Eżekuttiv) | 38.75 siegħat time-off in lieue |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament li dawn il-ġranet ta' *vacation leave* u *time off in-lieue* jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tal-impjegati għas-sena 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw *complimentary* bejn is-16 ta' Diċembru 2010 sas-7 ta' Diċembru 2011. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, l-Kunsill approva unanimament li *t-telephone sets* l-antiki u l-*Mobile Phone Nokia N*95 jiġu *written off* mill-*Fixed Assets Register*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx irċieva risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill setgħax jaċċetta jew le l-offerta ta' xogħol ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011) mitfugħa mill-orħos offerent li ma kienx iffirma il-*non-collusive certificate.*

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li kien ġie provdut it-trasport għaż-Żabbarin li pparteċipaw f'*The President's Charity Fun Run* li saret nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 2011.

*Performance Bonus* tal-impjegati

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li kull kunsillier jingħata kopja ta' l-*appraisal report* ta' kull impjegat u tittieħed deċizjoni dwar il-*performance bonus* tal-impjegati fl-laqgħa oħra.

Fit-8.35 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skuzat.

- Aġġudikazzjoni ta' l-offerti għall-Pubblikazzjoni tal-Magazine Citta' Hompesch (ZLC 7/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għall-pubblikazzjoni tal-fuljett Citta' Hompesch (ZLC 7/2011). L-offerti kienu mingħand:

| Kuntrattur | Prezz |
|---|---|
| Union Print Co Ltd | €2012.85 |
| Gutenberg Prepress Ltd | €1732.50 |
| Adverteyes Ltd | €3783.43 |
| Veritas Press | €2100.00 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra kienu kollha sottomessi u mimlija mill-offerenti. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta tal-kumpanija Gutenberg Prepress Ltd li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika għal għajnuna finanzjarja biex isir proġett ta' titjib fl-infrastrittura relatata ma' l-izvillup agrikolu. Dan il-proġett tal-GAL il-Kunsill applika għal għajnuna ta' €20,000 sabiex l-isqaq ta' Ħas-Sajjied jingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku ppropona li jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill tiġi milqugħa dan ix-xogħol li huwa stmat li jiswa madwar €33,000 jsir is-sena li ġejja. Is-Sur Plumpton issekondata lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Fit-8.50 ta' filgħaxija is-Sur Plumtpon talab li jkun skuzat.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Bonnici talab li jitpoġġa sprall fi Triq San Ġuzepp quddiem Villa l-Isqof Labini.

Is-Sur Bonnici ppropona li l-bini amministrattiv tal-Kunsill jitrama b'xi tizjien fi żmien tal-festi. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan it-tizjien.

Is-Sur Pisani ressaq ilment li sar minn residenti li joqgħod fi Triq l-Inkurunazzjoni dwar katusa li qed tgħaddi minn taħt l-art u li minnha qed joħroġ l-ilma bil-konsegwenza li l-ilma qed jagħmel ħsara fir-residenza tiegħu.

Is-Sur Pisani talab li t-tabella cul de sac li kellha titwaħħal fi Triq Alessio Erardi titwaħħal fl-iqsar żmien.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-393 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2011.

Domenic Agius
Sindku